**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 638/2015 GM**

**Mardeo Farrugia ID370575M**

**Vs**

**Patrick u Glorianne konjiġi McCarthy (Id197469M u 440368M rispettivament)**

**Albert McCarthy ID323543M u b'digriet tal-10 ta' Settembru 2015 ġew imsejħa fil-kawza l-avukati Caroline Dimech u Therese Borg in rappresentanza tal-Bank of Valletta plc bħala Trustee**

**Seduta tat-30 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li ppremetta li esegwixxa xogħol fuq inkariku tal-konvenuti fil-post proprjeta` ta' Albert McCarthy bin-numru 24, *Taurus Centre*, Valley Road, Birkirkara, talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti in solidum u/jew min minnhom debituri tal-attur fis-somma bilanċjali ta' Euros30,522.34 u dan prevja u jekk hemm bzonn billi jitqabbdu periti nominandi sabiex jikkalkulaw ix-xogħlijiet esegwiti mill-attur.

2. tikkundanna u tordna lill-konvenuti in solidum u/jew min minnhom iħallsu s-somma bilanċjali skont l-ewwel talba.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra uffiċjali datata is-27 t'Awissu 2014 kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' inibizzjoni u ta' sekwetru intavolati illum konkorrentement ma' din il-kawza fl-istess ismijiet, u bl-imgħaxijiet legali kummerċjali mid-data tal-ittra uffiċjali tas-27 t'Awissu 2014 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li ġew inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata li permezz tagħha eċċepew:

1. L-intempestivita` tal-azzjoni

2. Albert McCarthy u Glorianne McCarthy m'humiex leġittimi kontradditturi

3. Albert McCarthy u Glorianne McCarthy m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur

4. Patrick McCarthy jammetti li fadallu jħallas €14,460.36 a tenur tar-rapport tal-Perit Andrew Psaila, u ddepożita din is-somma fir-Reġistru

5. Mill-bqija l-ammont mitlub huwa eċċessiv.

Rat li waqt l-udjenza tal-15.11.2015 (fol 82) il-konvenuti rtiraw l-ewwel eċċezzjoni;

Rat id-digriet tagħha tal-10.09.2015 li permezz tiegħu ordnat li jissejjħu fil-kawża l-Avukati Caroline Dimech u Therese Borg in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc fil-kwalita` tiegħu ta' *trustee* (fol 53A);

Rat li l-attur ċeda l-kawża fil-konfront tal-imsejjħin fil-kawża (fol 84);

Rat li l-attur, billi żbanka l-ammont ta' €14,460.36 iddepożitat mill-konvenuti, naqqas l-ammont minnu mitlub għal €16,061.98;

Rat il-konklużjoni tal-Perit Tekniku li l-bilanċ li l-konvenuti kien fadlilhom iħallsu kien ta' €6,857.51;

Ra li l-attur talab il-ħatra ta' periti perizjuri (fol 178) iżda ma baqgħax isostni din it-talba;

Rat l-eskussjoni tal-perit tekniku imnejn irriżulta li l-Perit ikkalkula parti mill-ammont dovut fuq rati korrenti fis-suq u njora r-rati miftiehma bejn il-partijiet (fol 183);

Rat ix-xhieda tal-konvenut Patrick Mc Carthy u l-Perit Andew Psaila;

Rat li l-attur, in vista tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku, reġa' naqqas it-talba tiegħu għal €8,774.31;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-ammont ta' €8,774.31 huwa ġustifikat in vista tar-riżultanza fuq indikata mill-eskussjoni tal-perit tekniku;

Illi l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar xogħlijiet li jallega li qabbdu l-konvenut Albert McCarthy. Min-naħa l-oħra, hija preżunzjoni li żwieġ

li jsir f'Malta, jew ta' persuni li wara ż-żwieġ jiġu joqgħodu Malta, iġib *ipso iure* bejn il-miżżewwġin il-komunjoni tal-akkwisti (Art. 1316 tal-Kodiċi Ċivili) u għalhekk sewwa għamel l-attur li daħħal fil-kawża lil Glorianne McCarthy flimkien ma' żewġha;

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

(1) tilqa' in parte t-tieni u t-tielet eċċezzjoni billi tiddikjara li ma ġietx ippruvata relazzjoni ġuridika bejnu u l-attur u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju u tiddikjara lil Glorianne McCarthy legittimu kontradittur biss sal-interess ta' sehmha fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewgha;

(1) Tilqa' in parti l-ewwel talba billi tiddikjara lil Patrick McCarthy u martu Glorianne McCarthy fil-kapaċita` tagħha bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti debituri tal-attur fis-somma ta' €8,774.31

(2) Tikkundannahom iħallsuh is-somma hekk likwidata ta' €8,774.31

L-ispejjeż tal-konvenut Albert McCarthy jitħallsu mill-attur; l-ispejjeż l-oħrajn, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata is-27 t'Awissu 2014 kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' inibizzjoni u ta' sekwetru, fiċ-ċirkostanzi jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u l-imgħax legali jiddekorri biss mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA